Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **3 ta' Frar 2021**

## Daqqa t'id lill-Malta Community Chest Fund bil-bejgħ tar-repliki tal-ittra ta' Napuljun

Id-dħul mill-bejgħ tal-ewwel 40 replika tal-ittra ta' Napuljun ġie ppreżentat minn Heritage Malta lill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta, biex jingħata bħala donazzjoni lill-Malta Community Chest Fund.

Wara li s-sena li għaddiet akkwistat dan id-dokument storiku, f'Novembru li għadda Heritage Malta ħarġet bl-idea li toffri lill-pubbliku opportunità unika biex ikun jista' jżomm parti mill-istorja ta' pajjiżna f'daru filwaqt li jikkontribwixxi għal għan nobbli. Dan billi pproduċiet għadd limitat ta' repliki għall-bejgħ – ilkoll numerati – bil-ħsieb li l-qligħ kollu minnhom jingħata għall-karità.

L-ittra oriġinali, li kienet esebita mingħajr ħlas fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta sal-aħħar ta' Novembru li għadda, tiddokumenta l-ordni mogħtija minn Napuljun lill-Ġeneral tiegħu Desaix biex imexxi 'l quddiem l-invażjoni ta' Malta fl-1798.

Kif qal il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, is-Sur Noel Zammit, din l-inizjattiva kienet suċċess kbir fil-mod kif sfruttat l-interess qawwi kemm tal-pubbliku lokali kif ukoll ta' dak barrani fl-istorja rikka tal-gżejjer tagħna, sabiex sar użu tajjeb minnu.

Liam Gauci, il-Kuratur Prinċipali tal-Mużew Marittimu, wera u spjega lill-President l-akkwisti riċenti li għamlet Heritage Malta fil-kollezzjoni tagħha – għaxar ittri kontemporanji oħrajn li jiddokumentaw il-komunikazzjoni importanti li kienet għaddejja bejn l-Ammirall tal-Flotta Ingliża, Sir John Orde, u l-Ammiraljat, li tikkonsolida r-rakkont filwaqt li ssaħħaħ il-valur tal-ittra replikata.

L-ittra se tkun qed tieħu postha bħala l-esibit ċentrali tas-sezzjoni dwar il-perjodu Franċiż fil-Mużew Marittimu fil-Birgu, wara li jitlestew ix-xogħlijiet estensivi li għaddejjin bħalissa.

Numru limitat ta' repliki tal-ittra ta' Napuljun għadhom għall-bejgħ online minn: https://heritagemalta.org/shop/ kif ukoll mill-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġjia, il-Belt Valletta.

Għal aktar tagħrif żur is-sit heritagemalta.org.